GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

# ĊIRKOLARI

**Data:** 3 ta' Ġunju 2022 **Ref:** DLAP161/2022

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tas-Setturi kollha

**Mingħand:** David Muscat, Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** **Il-Brillantini tal-Qari – Sajf 2022**

---

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu bi pjaċir tħabbar li l-kampanja 'Brillantini tal-Qari' se tkompli għaddejja fis-sajf. Il-kampanija sajfija tagħlaq fl-1 ta' Settembru, 2022. Permezz ta' dil-kampanja l-Aġenzija tippremja lil dawk it-tfal u l-adolexxenti li jħobbu jaqraw u jaqsmu l-imħabba li għandhom għall-qari ma' nies u tfal oħra. 'Brillantini tal-Qari' hija sponsorjata minn Merlin Library.

L-istudenti li jħobbu jaqraw l-iskola, id-dar, jew f'postijiet oħrajn matul il-ħin liberu tagħhom huma mistiedna jieħdu sehem fil-kompetizzjoni ***Jien Brillantin/a tal-Qari***. Dawn jistgħu juruna kemm il-qari huwa għal qalbhom billi jagħmlu waħda jew iktar minn dawn l-attivitajiet:

- Jiktbu dwar il-kotba jew awturi favoriti tagħhom.
- Ipinġu stampa mill-ktieb favorit tagħhom jew tal-karattru/i l-aktar għal qalbhom.
- Joħolqu filmat qasir li fih jitkellmu dwar il-ktieb jew l-awtur li jogħġobhom l-iktar.
- Jiddeskrivu r-rokna favorita tagħhom fejn jaqraw u jibagħtulna ritratti ta' din ir-rokna.
- Joħolqu filmat qasir li fih jirreċtaw xena mill-ktieb favorit tagħhom.
- Jissorprenduna bil-kreattività tagħhom billi joħolqu xi attività oħra!

Il-formola tal-kunsens tinsab f'din il-ħolqa:

https://forms.office.com/r/wBhAwKN6Uy

Wara li l-ġenituri/gwardjani jimlew il-formola tal-kunsens u jissottomettuha, ix-xogħol li jkun sar għall-kompetizzjoni għandu jintbagħat ma' ittra elettronika lil languagepolicy.nla@ilearn.edu.mt.

L-aħjar attivitajiet se jintgħażlu u jiġu ppremjati wara li jgħaddu minn proċess ta' għażla. Ir-rebbieħa se jintgħażlu abbażi tal-kreattività u l-kwalità tal-attività li l-istudenti jagħmlu. L-attività trid turi b'mod ċar l-imħabba tagħhom għall-qari. L-istudenti magħżula se jingħataw kupun li jissarraf f'kotba, sponsorjati minn Merlin Library.

Għal iktar tagħrif, ibgħat ittra elettronika lil languagepolicy.nla@ilearn.edu.mt jew ċempel 25983328. Segwi l-paġna ta' Facebook tagħna @readingstarsmalta għall-aġġornamenti kollha u r-rebbieħa.

Grazzi tal-kooperazzjoni,

**Is-Sa Sandra Ebejer**
**Direttriċi**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**